31979R2748

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2748/79
tas-6 ta' Diċembru 1979
fuq il-klassifika ta' oġġetti koperti bl-intestatura 13.03 Ċ III tat-Tariffa Komuni Doganali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 fuq miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 280/77 [2], u partikolarment Artikolu 3 tiegħu,

Billi, biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali għandha ssir dispożizzjoni għall-klassifikazzjoni ta' prodott li jkollu l-kompożizzjoni li ġejja:

kalċju *carrageenate*	62.1 %
destrosju	32.9 %
sukrosju	5.0 %

Billi t-Tariffa Komuni Doganali annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [3], kif l-aħħar emendat Regolament tal-Kunsill 2384/79 [4], jinkludi taħt is-sub-intestatura 13.03 Ċ III muċillaġinijiet u addensaturi derivati mill-prodotti veġetali, li ma jkunux *agar-agar* u muċillaginijiet u addensaturi estratti minn *locust beans* jew żerriegħa tal-*locust bean*;

Billi l-għan waħdieni taż-żieda ta' żokkor (*sucrose* u *dextrose*) huwa li tkun żgurata l-istandardizzazzjoni tas-sostanza li tagħmel l-azzjoni ta' l-addensament (*calcium carrageenate*), fi kliem ieħor, biex tkun żgurata attività kostanti matul l-użu;

Billi l-preżenza ta' 37 79 % ta' żokkor ma jneħħix il-prodott in kwistjoni mill-karattru tiegħu ta' addensatur miksub mill-prodotti veġetali tas-subintestatura 13.03 Ċ III;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huwa skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq in-Nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodott li jkollu l-komposizzjoni li ġejja:

kalċju carrageenate	62.1 %
destrosju	32.9 %
sukrosju	5.0 %

għandu jkun klassifikat fis-subintestatura li ġejja tat-Tariffa Komuni Doganali:

13.03 Linfa u estratti veġetali; sostanzi pectic, pectinates u pectates; *agar-agar* u muċillaġnijiet u addensaturi oħra, li ġejjin minn prodotti veġetali:

Ċ. *Agar-agar* u muċillaġnijiet oħra u addensaturi, li ġejjin minn prodotti veġetali:

III. Oħrajn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fis-6 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[2] ĠU L 40, 11.02.77, p. 1.
[3] ĠU L 172, tat-22.7.1978, p. 1.
[4] ĠU L 274, 31.10.79, p. 9.